MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 423/1997/1

**Joseph Scicluna.**

**vs.**

**Nikolina Azzopardi mart Angelo, Guzeppa Farrugia mart Guzeppi, Maria Cascun armla ta' Vincent, Grazzja Farrugia mart Carmelo, Angela Farrugia mart Gerald, Anthony Scicluna f'ismu proprju u f'isem Suor Bibiana Scicluna, u b' digriet tal-Qorti tat-12 ta' Marzu 2003 gew nominati Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Suor Bibiana Scicluna, u b'nota datata 16 ta' Gunju 2004, Joseph Grixti assuma l-atti tal-kawza minflok il-kuraturi deputati ghan-nom tal-imsemmija assenti Suor Bibiana Scicluna, li mietet fil-mori tal-kawza meta kienet ghadha bil-voti solenni perpetwi, lkoll ahwa Scicluna; Carmelo Cascun u Anthony Cascun ulied Maria Cascun; Joseph u Carmen ahwa Grixti; u Paul, Carmel, Guzeppe, Patrick u Sonja ahwa Farrugia.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta' Frar 1997 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti huma l-werrieta ta' Carmela Scicluna u Carmelo Scicluna, il-genituri taghhom mal-mewt li grat fid-9 ta' Marzu 1987 u fil-21 ta' Lulju 1993 rispettivament, u dan il-wirt ghadda ghandhom in forza ta' zewg testmenti, wiehed *unica charta* fl-atti tan-Nutar Carmel Martinelli datat 21 ta' Frar 1987 u l-iehor ta' Carmelo Scicluna fl-atti tan-Nutar Philip Said datat 3 ta' Ottubru 1992.

Illil-attur huwa wiehed mill-ulied ta' Carmelo u Carmela Scicluna imma fit-tqassim tal-assi li sar permezz tat-testmenti tal-istess genituri giet leza l-legittima spettanti lill-attur.

Illi l-attur ghandu dritt ghal-legittima skont il-ligi.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tordna l-likwidazzjoni tal-assi ereditarji tal-istess Carmelo u Carmela konjugi Scicluna.

2. Tigi likwidata l-legittima spettanti lill-attur, konsistenti f' sehem ta' beni in natura jew ta' xorta ohra mill-assi tal-istess genituri.

3. Tordna lill-konvenuti li jhallsu u jittrasferixxu l-porzjon li tigi hekk likwidata bhala l-legittima spettanti lill-attur, u ghal tali fini jekk hemm bzonn jigi nominat Nutar u kuratur ghall-kontumaci ghal kull eventwali att pubbliku opportun.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-attur a fol. 2 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tal-21 ta’ Jannar 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Grazzja Farrugia, Maria Cascun, Anthony Cascun, Carmelo Cascun u Paul, Carmel, Giuseppe, Patrick u Sonja ahwa Farrugia datata 19 ta’ Jannar 1998 a fol. 13 tal-process fejn eccepew:-

1. Preliminarjament l-intempestivita` tal-azzjoni *stante* li l-attur qed jitlob il-hlas tal-legittima minghajr ma jidher li irrinunzja ghall-wirt.

2. Illi l-ahwa Carmelo u Anthony Cascun u l-ahwa Farrugia konvenuti huma legatarji u mhux eredi u kwindi ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi l-gudizzju mhux integru ghaliex irid jigi citat ukoll l-Avukat Dottor Pawlu Lia bhala esekutur testamentarju tal-mejta Carmela Scicluna.

4. Illi salv il-premess, l-esponenti ma jopponux ghal qsim tal-wirt purke` jigu accertati l-kwoti ereditarji, u wkoll li l-ewwel jigu decizi l-kawzi fl-ismijiet **“Carmelo Cascun vs Carmelo Scicluna et *nomine*”**; **“Anthony Cascun vs Carmelo Scicluna et *nomine*”**; **“Maria Cascun vs Carmelo Scicluna et *nomine*”**, **“Anthony Scicluna vs Carmelo Scicluna et *nomine*”** u **“Carmelo Farrugia vs Carmelo Scicluna et *nomine*”** lkoll pendenti quddiem din il-Qorti fejn irid jigi stabbilit jekk konvenji li saru mill-mejjet Carmelo Scicluna ghandhomx jigu esegwiti; u l-kawza **“Grixti vs Cascun et”** fejn il-validita` tal-istess konvenji qed tigi kontestata mill-ahwa Grixti konvenuti wkoll f’ din il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti fuq imsemmija a fol. 14 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mill-21 ta’ Jannar 1998 sal-avviz datat 11 ta’ Marzu 2002 mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo.

Rat in-nota tal-konvenut Anthony Scicluna *proprio* datata 30 ta’ Jannar 2002 a fol 32 tal-process li biha f’ismu proprio biss ta ruhu notifikat bic-citazzjoni fil-kawza fl-ismijiet premessi u bil-mozzjoni tad-differiment tal-istess.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Scicluna proprio datata 30 ta’ Jannar 2002 a fol 33 tal-process fejn eccepixxa illi: -

1. Preliminarjament illi hu mhux prokuratur ta’ Suor Bibiana Scicluna u ghalhekk il-prezenti eccezzjonijiet huma tieghu biss u mhux ukoll ghan-nom ta’ Suor Bibiana Scicluna – ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-kwalita` tieghu ta’ prokuratur ta’ Suor Bibiana Scicluna.

2. Fit-tieni lok u dejjem *in via* preliminari l-intempestivita` tal-azzjoni billi l-attur qed jitlob il-hlas tal-legittima minghajr ma jidher li rrinunzja ghall-wirtijiet tal-gerituri tieghu.

3. Illi fost il-konvenuti jidher li hemm persuni li huma biss legatarji u mhux eredi u ghalhekk dawn ghandhom jinhargu mill-kawza billi ma ghandhomx *locus standi judici* f’din il-kawza li hija talba ghal-likwidazzjoni u hlas tal-legittima.

4. Illi l-gudizzju mhux integru billi l-Avukat Paul Lia l-ezekutur testamentarju tal-mejta Carmela Scicluna kellu wkoll jigi citat.

5. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ma jopponix u qatt ma oppona l-likwidazzjoni u hlas lill-attur

tal-legittima kif ukoll ma jopponix u qatt ma oppona l-qsim tal-wirtijiet – dejjem wara li jigu stabbiliti l-kwoti ereditarji u wara li jigu definittivament decizi l-kawzi kollha li hemm pendenti bejn l-eredi fejn ghandu jigi stabbilit jekk konvenji li saru mill-mejjet Carmelo Scicluna ghandhomx jigu esegwiti.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-konvenut Anthony Scicluna proprio a fol 34 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna mid-9 ta' April 2002 sat-2 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri datati 7 ta' Jannar 2003 sas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2005.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Frar 2003 Dr. Edwina Grima ghall-attur infurmat lill-Qorti li l-konvenut Anthony Scicluna m'ghadux jidher ghall-konvenuta Suor Bibiana Scicluna u ghalhekk kien hemm bzonn il-hatra ta' kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-istess. Il-kawza giet differita ghat-28 ta' Marzu 2003 ghan-nomina tal-kuraturi li wara rikors datat 25 ta' Frar 2003 (a fol 46) saret b'digriet datat 12 ta' Marzu 2003 mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn Dr. Anthony Cutajar u l-PL Veronica Rossignaud gew hekk nominati (fol. 44).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati datata 24 ta' Novembru 2003 a fol 66 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi f'dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjrui.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 66 tal-process.

Rat in-nota ta’ Joseph Grixti bhala mandatarju tal-assenti Suor Bibiana Scicluna datata 16 ta’ Gunju 2004 a fol 102 tal-process fejn biha assuma l-atti tal-kawza flok il-kuraturi deputati Dr. Anthony Cutajar u l-PL Veronica Rossignaud nominati ghal dan l-iskop.

Rat in-nota attrici li biha gie esebit l-affidavit tal-attur (fol. 70 Dok. “A” u Dok. “JS1” sa Dok. “JS5”).

Rat in-nota ta’ ammissjoni ta’ Joseph Grixti bhala mandatarju tal-assenti Suor Bibjana fis-seklu Bernardina Scicluna kif debitament awtorizzat li biha ammetiet it-talbiet attrici li huwa ghandu jiehu l-legittima lilu spettanti skont il-ligi izda tindika li hija ma hijiex eredi tal-genituri taghha kif indikat fl-istess nota a fol. 103 tal-process.

Rat in-nota ta’ Joseph Scicluna datata 23 ta’ Novembru 2004 a fol 108 tal-process li permezz taghha huwa esebixxa kopja legali tan-nota pprezentata fis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fejn huwa rrinunzja ghall-wirt tal-genituri tieghu bhala Dok. “NR1” (Digriet Numru 448/2004).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datata l-1 ta’ Dicembru 2004 fejn Dr. Charmaine Zammit ghal uhud mill-konvenuti u *in vista* tad-dikjarazzjoni prezentata minn John Scicluna irtirat l-ewwel eccezzjoni.

Rat in-nota attrici datata 23 ta’ Gunju 2005 fejn iddikjara li l-assi ereditarji jinsabu elenkati fid-denunzja a fol. 82 tal-process (Dok. “JS 3”) u Dok. “JS” (fol.115).

Rat il-verbal datat 19 ta’ Ottubru 2005 fejn Dr. Charmaine Zammit ghall-konvenuti patrocinati minnha ddikjarat li taqbel li l-assi ereditarji huma dawk indikati fid-denunzja a fol. 115 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta mis-seduta tas-26 ta’ Jannar 2006 sas-seduta

tad-29 ta' Ottubru 2009 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-25 ta' Marzu 2010.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Charmaine Galea ghall-uhud mill-konvenuti li pprezentat nota bi tliet affidavits ohra u nota fejn gew indikati l-proprjetajiet li m'ghandhomx jiffurmaw parti minn din il-kawza, u nota b'zewg dokumenti u kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Martinelli datat 6 ta' Gunju 2006 rigwardanti plots 3 u 9 fi Triq il-Blat, Siggiewi (Dok. "PF1") u wkoll is-sentenza fl-ismijiet **"Carmelo Farrugia nomine et vs Carmelo Scicluna proprio et nomine"** (P.A. (NC) – 30 ta' Mejju 2003 u fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Ramona Frendo assistita mill-Perit Tekniku Mario Cassar a spejjez provizjorjament attrici sabiex jirrelataw dwar it-talbiet attrici wara li jiehdu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Perit Legali Dr. Ramona Frendo u l-Perit Tekniku Mario Cassar a fol. 187 tal-process, bix-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota attrici datata 4 ta' Gunju 2007 fejn iddikjara li l-proprjeta' li ghandha tigi kkonsidrata hija dik indikata fit-testmenti tal-genituri tieghu u l-garaxx Scicluna Garage, Blata l-Qamar Road, Siggiewi, u dan inkluz il-pre-legati kollox a bazi tal-**artikolu 648 tal-Kap. 16** (fol. 210).

Rat in-nota tal-konvenuti hemm indikati datata 11 ta' Gunju 2007 (fol. 211).

Rat in-nota addizzjonali tal-Perit Tekniku Mario Cassar datata 4 ta' Gunju 2008 a fol 230 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attur datata 29 ta' Jannar 2009 a fol 235 tal-process fejn intalab li ssir addizzjoni fl-okkju u fl-atti kull fejn jirrikorri, li wara l-isem ta' Suor Bibiana jitnizzel "li fil-mori tal-kawza mietet meta kienet ghadha bil-voti solenni perpetwi"; u l-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fit-3 ta' Frar 2009 (fol.237).

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo pprezentat fis-16 ta’ Jannar 2008 u mahluf *seduta stante* fil-25 ta’ Frar 2009, liema rapport huwa esebit minn fol 239 sa fol. 319 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar u l-Perit Legali Dr. Ramona Frendo a fol 338 tal-process, mahluf *seduta stante* tal-25 ta’ Frar 2009.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fid-29 ta’ Ottubru 2009 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Charmaine Galea ghall-uhud mill-konvenuti, Dr. Brincat ghall-attur prezenti u Dr. Ramona Frendo bhala Perit Legali. Dr. Galea nfurmat il-Qorti li mhux se taghmel eskussjoni. Dr. Galea talbet taghmel nota ta’ ossorvazzjonijiet u l-Qorti pprefiggiet terminu sa nofs Dicembru 2009 ghal tali nota b’dan li jibdew il-konvenuti, b’kopja lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu sal-ahhar ta’ Jannar 2010 biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Marzu 2010.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti Grazzja Farrugia, Maria Cascun, Anthony Cascun, Carmelo Cascun, Paul, Carmel, Giuseppe, Patrick u Sonja ahwa Farrugia, datata 16 ta’ Dicembru a fol. 262 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur Joseph Scicluna datata 15 ta’ Jannar 2010 a fol. 268 tal-process.

Rat in-nota datata 8 ta’ Frar 2010 fejn Dr.Charmaine Galea rrinunzjat ghan-nomina ta’ periti perizjuri.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-kontendenti huma l-werrieta ta’ Carmela Scicluna u Carmelo Scicluna, il-ġenituri taghhom mal-mewt li grat fid-9 ta’ Marzu 1987 u fil-21 ta’ Lulju 1993 rispettivament, u dan il-wirt ghadda ghandhom in forza ta’ zewg testmenti, wiehed *unica charta* fl-atti tan-Nutar Carmel Martinelli datat 21 ta’ Frar 1987 u l-iehor ta’ Carmelo Scicluna fl-atti tan-Nutar Philip Said datat 3 ta’ Ottubru 1992 u l-attur qed jitlob li issir il-likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta’ Carmelo u Carmela konjugi Scicluna, u tigi likwidata l-legittima spettanti lill-attur, u tordna lill-konvenuti jhallsu jew jittrasferixxu l-istess legittima lill-attur.

Illi jigi nnutat li Joseph Grixti ghan-nom tallum mejta Suor Bibiana ammetta t-talbiet attrici, mentri l-konvenuti Nikolina Azzopardi, Guzeppa Farrugia, Angela Farrugia, u Joseph u Carmen ahwa Grixti baqghu kontumaci.

Illi l-ewwel eccezzjoni imqajjma mill-konvenuti hija l-intempestivita’ tal-azzjoni attrici ghaliex meta giet prezentata l-azzjoni attrici huwa ma kienx ghadu rrinunzja ghall-wirt tal-genituri tieghu, haga li saret waqt il-proceduri odjerni skont Digriet Numru 448/2004 tal-Qorti (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) datata 12 ta’ Mejju 2004, li biha rrinunzja ghall-wirt tal-imsemmi genituri tieghu Carmelo u Carmela Scicluna, u Dr. Charmaine Zammit ghall-patrocinati taghha rtirat din l-eccezzjoni, izda l-konvenut Antonio Scicluna baqa’ jsostni l-istess. Madankollu jirrizulta li ma kien hemm xejn x’izomm lill-attur jirrinunzja ghall-wirt la darba ma ghamel l-ebda att ta’ eredi u ma kellux pussess tal-wirt **(“Joseph Gauci et vs Jane Galea et”** P.A. (TM) – 3 ta’ April 2003). Il-fatt li sar waqt il-mori tal-kawza ma jbiddel xejn mis-sostanza tal-oggett tal-kawza, u ghalhekk hawn huwa applikabbli l-kuncett ta’ *jus superveniens* (**“Francesco Saverio Fava vs Elisabetta Camilleri et”** (P.A. (AM) – 10 ta’ Dicembru 1954 – Vol.XXXVIIIC.ii.612) u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti Grazzja Farrugia et hija fis-sens li l-gudizzju mhux integru ghaliex

ma giex imharrek fil-kawza l-esekutur testamentarju Dr. Pawlu Lia. La darba fit-testmenti ndikati hemm in-nomina tal-eredi, u la darba n-nomina tal-esekutur testamentarju huwa sabiex ihallas id-djun, ihallas il-legati u jaghmel dak indikat lilu fl-**artikolu 771 tal-Kap. 16,** u din hija kawza sabiex tigi stabbilita u mhallsa l-legittima mill-eredi, certament li ma hemmx bzonn tieghu f'din il-kawza, *stante* li minghajru l-gudizzju huwa integru. Din l-eccezzjoni qed tigi ghalhekk michuda.

Illi dwar l-eccezzjoni li l-ahwa Carmelo u Anthony Cascun u l-ahwa Farrugia huma biss legatarji u bhala tali ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju, izda jirrizulta a bazi ta' dak indikat fis-sentenza fl-ismijiet **"Maria Saliba et vs Giuseppe Portelli et"** (P.A. (MCC) – 25 ta' Novembru 1995 – Vol. XLE.ii.1067) *"sabiex il-legittima ma tigix stabbilita f'ammonti jew valuri differenti fil-konfront ta' kull legittimarju, (l-legatarji u legittimarji) ghandhom interess illi jkunu mharrkin ghall-finijiet tal-likwidazzjoni biss, kif distinti mill-pagamenti taghhom"* u fil-fatt l-interess tal-imsemmija persuni jirrizulta kemm mill-eccezzjonijiet u sottomissjonijiet taghhom u ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda hlief fil-konfront ta' Suor Bibiana li mietet fil-mori tal-kawza u ma kellha ebda proprjeta'.

Illi fil-fatt sal-mewt taghha hija ma bbenifikat minn ebda legat lilha mholli bhala proprjeta' u dan minhabba dak li jipprovdi l-**artikolu 611 (2) u (3) tal-Kap. 16,** u fi kwalunkwe kaz il-kwistjoni hija llum sorvolata bil-mewt taghha.

Illi jirrizulta li l-assi ereditarji huma dawk indikati fid-denunzja datata 30 ta' Novembru 2002. Jirrizulta li b'testment *unica charta* datat 21 ta' Frar 1987 l-istess genituri hallew bhala eredi taghhom lil uliedhom Antonio, Angela, Giuseppe, Nicolina, Maria, Giuseppa, Paula, u Grazzja (minbarra Sister Bibiana). Illi b'tesment tieghu datat 3 ta' Ottubbru 1992 Carmelo Scicluna halla s-seba' uliedu fuq imsemmija (hlief ghal Paola li kienet mietet u wkoll lil Sister Biniana) bhala eredi tieghu fi kwota 7/8 parti, mentri 1/8 parti l-ohra halliha favur in-neputijiet

tieghu Carmen u Joseph ahwa Grixti, ulied il-mejta bintu Paola mart Salvatore Grixti, izda halla diversi legati, l-maggor parti tal-assi ereditarji tal-konjugi Scicluna, favur uliedu u n-neputajiet tieghu, li kienu jammontaw ghall-valur ta’ €80,596.32 (Lm34,600), u s-sehem tat-testatur kien allura €40,298.16 (Lm17,600), u halla favur l-attur prelegat ta’ €4,658.75 (Lm2,000).

Illi l-istess decujus kien ghamel diversi konvenji dwar:-

(a) favur Carmel Cascun, iben il-konvenuta Maria Cascun ghall-fond Scicluna Garage, Triq il-Gdida fi Triq il-Blat il-Qamar, Siggiewi, minghajr il-kamra ta’ wara tal-garaxx b’cens perpetwu, li huma suggetti ta’ proceduri fl-ismijiet **“Carmelo Cascun vs Carmelo Scicluna pro et nomine”** li tinsab differita *sine die* (Citaz.Nru. 41/1998/AL).

(b) favur Anthony Cascun iben Maria Cascun, legatarja tal-istess fond cjoe’ garaxx numru 36, Triq Blat il-Qamar, Siggiewi *verso* c-cens hemm indikat.

(c) favur Maria Cascun, prelegatarja tal-fond 18, Triq il-Girgenti, Siggiewi soggett ghac-cens hemm indikat, li dwaru hemm kawza pendenti fl-ismijiet “**Carmelo Cascun vs Carmelo Scicluna pro et nomine”** li tinsab differita *sine die* (Citaz.Nru. 41/1998/AL).

(d) favur il-konvenut Antonio Scicluna, bhala prelegatarju tal-fond 35, Triq il-Blat il-Qamar, Siggiewi, bic-cens hemm impost, liema konvenju gie enforzat b’sentenza fl-ismijiet **“Antonio Scicluna vs Carmelo Scicluna proprio et nomine”** (P.A. (NC) – 10 ta’ Dicembru 2003).

(e) favur l-istess konvenut Antonio Scicluna, bhala prelegatarju tal-fond 35, Triq il-Blat il-Qamar, Siggiewi, bic-cens hemm impost, liema konvenju gie enforzat b’sentenza fl-ismijiet **“Antonio Scicluna vs Carmelo Scicluna proprio et nomine”** (P.A. (NC) – 10 ta’ Dicembru 2003).

(f) favur Carmelo Farrugia bhala mandatarju ta’ wliedu dak iz-zmien minuri, llum maggorenni u konvenuti f’din il-kawza Carmelo sive Charles, Maria Assunta sive Sonia, u Patrick, ahwa Farrugia, u Joseph u Paul ahwa Farrugia, lkoll legatrji tal-istess proprjeta’) tal-Plots 3 u 9 tal-ghalqa mlaqqma “Ta’ Blat il-Qamar’, li tinsab gewwa Triq Blat il-Qamar, Siggiewi ghall-prezz ta’ €4,658.75 (Lm2,000) li gie enforzat minn din il-Qorti b’sentenza fl-ismijiet “**Carmelo Farrugia nomine vs Carmelo Scicluna proprio et nomine”** (P.A. NC) – 30 ta’ Mejju 2003).

Illi dak li jrid isir allura huwa li tigi likwidata l-legittima dovuta lill-attur, u dan ghaliex din hija t-talba attrici, u din trid tigi bbazata skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 616 tal-Kap. 16.** Illi d-dritt ghal legittima (**artikolu 615 tal-Kap. 16)** huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa’ haj. Is-sehem tal-legittima f’dan il-kaz huwa ta’  nofs tal-valur tal-beni tad-decujus u dan peress illi f’dan il-kaz l-ulied huma tmienja, izda minhabba l-inkapacita’ parzali ta’ Suor Bibiana u ghaliex is-sehem spettanti lilha in linea ta’ legittima jinqasam favur il-legittimarja l-ohra u ghalhekk jispetta lill-attur porzjon minn tmienja (1/8) ta’ nofs (1/2) l-assi ereditarji tal-genituri taghha u cioe` porzjon minn sittax (1/16) tal-patrimonju ereditarju (**artikolu 616 tal-Kap**.**16).**

Illi mill-**artikolu 647** *et sequitur* tal-**Kap. 16** jirrizulta li l-legati u pre-legati ghandhom jigu nkluzi mal-assi ereditarju li fuqu trid tinhadem il-legittima u dan jinsab ikkonfermat mis-sentenzi **“Maria Pace et vs Maria Melita Cachia et”** (P.A. (PS) – 16 ta’ Gunju 2003; **“Orazio sive Grazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar pro et noe”** (P.A. (PS) – 3 ta’ Ottubru 2003); **“Silvana mart Alfred Zammit vs Antoinette mart Paul Meilak”** (P.A. (NC) – 15 ta’ Ottubru 2003); **“Francesco Caruana vs Nazzareno Caruana et”** (P.A. (JRM) – 1 ta’ Marzu 2004); u **“Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et”** (A.C. – 28 ta’ Jannar 2005).

Illi il-fatt li tali legati kienu ta’ proprjeta’ li d-*decujus* Carmelo Scicluna kellu biss nofs, naturalment ma jaffettwax il-validita’ tal-istess legali u pre-legati mhollija

minnu, la darba huwa ghamel id-dikjarazzjoni indikata fl-**artikolu 698 tal-Kap. 16** u fil-fatt hadd mill-kontendenti ma kkontesta dan, u la darba l-attur qed jitlob li tigi mahduma l-legittima lilu spettanti kemm mill-eredita' ta' ommu u kemm ta' missieru, li huwa rrinunzja ghalihom it-tnejn, mela allura din il-Qorti se tghaddi ghall-tali likwidazzjoni tal-legittima spettanti lilu.

Illi tqajjmet il-kwistjoni jekk il-proprjetajiet mertu tal-konvenji, u li hawn gew indikati ghandhomx jiddahhlu fil-massa ereditarja li fuqha mbaghad trid tinhadem il-legittima, u la darba l-weghda ta' bejgh din hija biss obbligazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1357 tal-Kap.16,** u ma' timporta l-ebda trasferiment u lanqas bejgh (**"Hecnef Properties Limited vs Stephen Kuldrovic"** (P.A. (JRM) – 20 ta' Marzu 2003), u l-istess principju japplika wkoll ghall-weghda ta' trasferiment ta' enfitewsi (**"Emmanuele Schembri vs Carmelo Barbara"** (P.A. (AM) – 23 ta' Frar 1957 – Vol.LX.ii.915); mela allura fid-data tal-mewt tad-decujus l-istess immobbli kienu ghadhom jifformaw parti mill-istess assi tieghu, bl-obbligu ta' trasferiment li dan jimporta, u konsegwentement il-valur li ghandu jittiehed tal-istess immobbli huwa dak il-valur li gie mhallas jew ser jigi mhallas lill-assi ereditarju, u dan effettivament ifisser li l-valur taghhom huwa dak li gie ddikjarat fil-konvenji relattivi.

Illi kif inghad allura f'dan il-kaz dan ifisser li allura fejn l-oggetti huma soggetti ghall-konvenju, l-valur tal-immobbli hemm suggetti huwa dak indikat fil-konvenji relattivi, u fil-kaz ta' immobbli moghtija b'cens, il-valur huwa dak tac--cens kapitallizat skont l-**artikolu 1501 (2) tal-Kap. 16.** L-oggetti l-ohra mhux soggetti ghall-konvenju ghandhom jigu valutati skont il-valur taghhom tallum skont kif indikat fis-sentenza **'Francesco Caruana vs Nazzareno Caruana et"** (P.A. (JRM) – 1 ta' Marzu 2004). Dan anke fid-dawl ta' dak ritenut fis-sentenza **"Emilia Mifsud et Eleonora Mizzi et"** (A.C. – 14 ta' Dicembru 1973) fejn il-valur tal-legittima bhala parti mill-gid tal-mejjet trid tinhadem fuq il-valur tal-wirt kollu konsiderati l-assi u wara li jitnaqqsu l-ispejjez.

Illi kkonsidrat dan kollu jirrizulta li hemm qbil bejn il-partijiet li l-beni li jifformaw l-assi ereditarji tad-defunti Carmela u Carmelo Scicluna, jirrizulaw mid-denunzja li saret sussegwentement ghall-ftuh tas-successjoni ta' Carmela Scicluna (fol. 83 u Dok. "JS" (fol. 115 tal-process) - valur tal-assi ereditarji tal-genituri tal-attur huma dak sewgenti:-

**<u>(1) Proprjeta' Immobbli.</u>**

**(i) Proprjeta' mmobbli li Carmelo Scicluna ghamel konvenju fuqhom.**

(a) Plot 3 u 9, formanti parti mill-ghalqa "ta' Blat il-Qamar' fi Triq Blat il-Qamar, Siggiewi skond kif mibjugha bil-kuntratt ppublikat minn Nutar Dr. Carmel Martinelli datat 6 ta' Gunju 2006 konsegenti ghas-sentenza fl-ismijiet **"Carmelo Farrugia nomine et vs Carmelo Scicluna nomine et"** (Citaz.Nru 46/1988/NC):
**€4,658.75**

(b) Il-fond 17, Triq il-Girgenti, Siggiewi, u dan huwa valur kapitallizzat tac-cens annwu u perpetwu ta' 69.88 Euro (Lm30) kif stabilit fil-konvenju bejn Carmelo Scicluna u Antonio Scicluna, liema konvenju gie kkonfermat b'sentenza fl-ismijiet **"Antonio Scicluna vs Carmelo Scicluna nomine et"** (Citaz. Numru 49/1988 – P.A. (NC) 10 ta' Dicembru 2003). **€1,397.62**

(c) Il-fond 35, Triq Blat il-Qamar, Siggiewi, u dan huwa valur kapitallizzat tac-cens annwu u perpetwu ta' 116.47 Euro (Lm50) kif stabilit fil-konvenju bejn Carmelo Scicluna u Antonio Scicluna, liema konvenju gie kkonfermat b'sentenza fl-ismijiet **"Antonio Scicluna vs Carmelo Scicluna nomine et"** (Citaz. Numru 49/1988 – P.A. (NC) 10 ta' Dicembru 2003). **€2,329.37**

(d) "Scicluna Garage" fi Triq il-Gdida fi Triq il-Blat il-Qamar, Siggiewi, dan huwa valur kapitallizzat tac-cens annwu u perpetwu ta' €116.47 (Lm50) kif stabilit fil-konvenju bejn Carmelo Scicluna u Carmel Cascun, liema konvenju jifforma l-mertu tal-proceduri fl-ismijiet **"Carmelo**

**Cascun vs Carmelo Scicluna proprio et nomine"** (Citaz. Numru 41/1988/AL) li tinsan differita *sine die*. **€2,397.37**

(e) Garage numru 36, fi Triq Blat il-Qamar, Siggiewi, u dan huwa valur kapitallizzat tac-cens annwu u perpetwu ta' €104.82(Lm45) kif stabbilit fil-konvenju bejn Carmelo Scicluna u Anthony Cascun. **€2,096.44**

(f) Il-fond numru 18, Triq Girgenti, Siggiewi huwa valur kapitallizzat tac-cens annwu u perpetwu ta' 116.47 Euro (Lm50) kif stabilit fil-konvenju bejn Carmelo Scicluna u Maria Cascun, li jifforma l-mertu tal-proceduri fl-ismijiet **"Maria Cascun vs Carmelo Scicluna proprio et nomine"** (Citaz. Nru. 42/1998/GCD, liema proceduri huma pendenti.
**€2,397.37**

**(ii) Proprjeta' immobli li ma hijiex suggetta ghall-ebda konvenju.**

(a) Il-fond 20m Misrah San Gwann, Siggiewi stmat mill-Perit Tekniku hawn nominat fl-ammont ta' **€51,246.23.**

(b) Il-fond "Scicluna House A", fi Triq il-Blat il-Qamar, Siggiewi stmat mill-Perit Tekniku hawn nominat fl-ammont ta' **€55,904.96.**

(c) Il-fond "Scicluna House B", fi Triq il-Blat il-Qamar, Siggiewi, stmat mill-Perit Tekniku hawn nominat fl-ammont ta' **€51,246.21.**

(d) Il-fondi numri 92, 92A, 92B, f'Main Street, Siggiewi stmati mill-Perit Tekniku hawn nominat fl-ammont ta' **€128,115.54.**

(e) Il-fond bin-numru ufficjali 93, Main Street, Siggiewi, stmat mill-Perit Tekniku hawn nominat fl-ammont ta' **€27,952.48 .**

(f) l-ghalqa mlaqqma "ta' Blat il-Qamar", fi Triq il-Qamar, Siggiewi, ad eskluzjoni tal-plots 3, u 9, liema plots gew

trasferiti favur Carmelo Farrugia permezz tal-kuntratt ta' akkwist fl-atti tan-Nutar Carmel Martinelli datat 9 ta' Gunju 2006 stmat mill-Perit Tekniku hawn nominat fl-ammont ta' **€815,280.69.**

**(2) Valur ta' Mobbli.**

Illi dawn jikkonsistu fil-valur ta' ghamara u deheb skont id-dikjarazzjoni fid-denunzja li saret wara l-ftuh tas-successjoni ta' Carmela Scicluna (fol. 116) fl-ammont ta' Lm120 ekwivalenti ghal **€279.52.**

**(3) Valur ta' depositi bankarji u effetti ohra.**

Illi dawn huma wkoll stabiliti skont l-istess imsemmija denunzja li jammontaw ghall Lm13,244 ekwivalenti ghal **€30,850.22.**

**(4) Total Passiv.**

Illi dawn jikkonsistu fi spejjez ta' funeral, ta' Carmela Scicluna kif indikat fl-istess denunzja msemmija, u ta' Carmelo Scicluna, kif ikkalkolat mill-brava perit legali skont a fol. 69 tar-relazzjoni taghha ammontati b'kollox ghal **€1,048.22.**

Illi dan iwassal ghall total attiv ta' **€1, 174,968.60.**

Illi la darba l-konjugi Scicluna kellhom disa' ahwa, (fosthom dawk li mietu izda wirtu uliedhom) u nkluz Suor Bibiana, li skond l-**artikolu 611** ma tiritx, u allura l-porzjoni spettanti lilha in linea ta' legittima ghandha titqassam favur il-legittimarji l-ohrajn. Is-sehem riservat skond l-**artikolu 616 (1) tal-Kap. 16** huwa nofs il-beni tat-testatur u ghalhekk l-attur bhala legittima tal-beni ta' Carmelo u Carmela Scicluma huwa wiehed minn sittax (1/16) mit-total attiv ta' **€1,174,968.60,** u dan jammonta ghall-**€73,435.83.**

Illi din il-Qorti thoss li din hija s-somma li l-istess attur ghandu jiehu u b'hekk mhux qed tigi nkluza s-somma ta' €4,658 bhala pre-legat li t-testatur Carmelo Scicluna halla

lill-attur bit-testment datat 3 ta' Ottubru 1992, u dan peress li din il-Qorti thoss li l-attur, in vista tat-talba tieghu ghal-legittima, ma jistax jippretendi dan l-ammont, anzi fil-verita' lanqas ippretenda dan l-ammont. Huwa talab li jigi moghti d-dritt tieghu ta' legittima u ghalhekk la darba dan id-dritt jispetta lilu, huwa dan id-dritt li qed jigi moghti u ghandu jigi moghti lilu f'din il-kawza. Illi ghal grazzja tal-argument biss jinghad li fi kwalunkwe kaz illum il-gurnata l-attur iddekada mid-dritt tieghu illi jitlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat imholli favur tieghu peress li l-azzjoni hija preskritta bit-terminu ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni (**"Mark Mclean vs Dr. Renzo Porsella Flores et nomine"** (P.A. (JRM) – 5 ta' Dicembru 2002).

Illi in vista tal-fatt li jirrizulta li kif indikat mill-perit legali xorta wahda bis-soluzzjoni taghha l-attur ma kienx ser jigi assenjat parti in-natura ta' xi immobbli jew proprjeta' mill-assi ereditarji tal-konjugi Scicluna, u in vista tal-fatt li jirrizulta li b'dak propost mill-perit legali dwar il-fondi 92, 92A, 92B, Main Street, is-Siggiewi, li skont il-perit tekniku wkoll ghandhom jinbieghu flimkien ghaliex huma interkonnessi u dan sabiex igibu l-ikbar valur, jirrizulta li b'hekk ser jigi effettwat il-pre-legat tal-fond 92A, f'Main Street, Siggiewi, li thalla favur Maria Cascun u Antonio Scicluna, u allura f'dawn ic-cirkostanzi thoss li dak li ghandu jsir huwa li l-eredi ta' Carmela u Carmelo Scicluna u cjoe' l-konvenuti Nikolina Azzopardi, Giuseppa Farrugia, Maria Cascun, Grazzja Farrugia, Angela Farrugia, u Anthony Farrugia, lkoll ahwa Scicluna, u Joseph u Carmen ahwa Grixti, ihallsu lill-attur is-somma ta' tlieta u sebghin elf, mija u hamsa u tletin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€73,435.83), kull wiehed in proporzjon tas-sehem u l-interess ereditarju.

Illi f'dan is-sens it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ecccezjonijiet tal-konvenut Anthony Scicluna *proprio,* pprezentati b'nota ta' eccezzjonijiet datata 30 ta' Jannar 2002, u tal-konvenuti

Grazzja Farrugia, Maria Cascun, Anthony Cascun, Carmelo Cascun, Paul, Carmel, Giuseppe, Patrick, u Sonja ahwa Farrugia sollevati b'nota ta' eccezzjonijiet datata 19 ta' Jannar 1998, u in vista tan-nota ta' ammissjoni ta' Joseph Grixti fil-kwalita' tieghu premessa skont nota datata 16 ta' Gunju 2004, u fil-kontumacja tal-konvenuti Nikolina Azzopardi, Guzeppa Farrugia, Angela Farrugia, u Joseph u Carmen ahwa Grixti, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn premess** b'dan illi:-

1. Tordna l-likwidazzjoni tal-assi ereditarji tal-istess Carmelo u Carmela konjugi Scicluna u b'hekk tistabbilixxi u tillikwida l-assi tal-istess fil-mod hekk kif stabbilit aktar 'il fuq f'din is-sentenza u partikolarment fejn hemm indikat il-valur ta' immobbli, valur ta' mobbli, nkluz il-valur tad-depositi bankarji u effetti ohra, it-total passiv u t-total attiv li huwa ta' **miljun, mija u erba' u sebghin elf, disa' mija u tmienja u sittin ewro u sittin centezmu (€1,174,968.60).**

2. Tillikwida l-legittima spettanti lill-attur kif fuq indikat fl-ammont ta' **tlieta u sebghin elf, erba` mija u hamsa u tletin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€73,435.83).**

3. Tilqa' din it-talba biss fis-sens li tordna lill-eredi ta' Carmela u Carmelo Scicluna u cjoe' l-konvenuti Nikolina Azzopardi, Giuseppa Farrugia, Maria Cascun, Grazzja Farrugia, Angela Farrugia, u Anthony Farrugia, lkoll ahwa Scicluna, u Joseph u Carmen ahwa Grixti, ihallsu lill-attur **is-somma ta' tlieta u sebghin elf, erba`mija u hamsa u tletin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€73,435.83), kull wiehed in proporzjon tas-sehem u l-interess ereditarju.**

Illi l-ispejjez ta' din il-kawza huma kollha a karigu tal-konvenuti Nikolina Azzopardi, Giuseppa Farrugia, Maria Cascun, Grazzja Farrugia, Angela Farrugia, u Anthony Farrugia, lkoll ahwa Scicluna, u Joseph u Carmen ahwa Grixti kull wiehed in proporzjon tas-sehem u interess tieghu bhala eredi ta' Carmela u Carmelo Scicluna u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------